31982D0456

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-14 ta' Ġunju 1982
li taċċetta f'isem il-Komunità rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali dwar kooperazzjoni teknika fl-affarijiet li jikkonċernaw id-dwana

(82/456/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali dwar kooperazzjoni teknika fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana tista' tiġi aċċettata mill-Komunità b'effett immedjat;

Billi huwa rakkomandabbli, iżda, li jiġi indikat il-metodu speċjali li bih ser tiġi implimentata wara li jitqiesu l-ħtiġiet partikolari ta' l-unjoni doganali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-rakkomandazzjoni tat-18 ta' Ġunju 1981 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali dwar kooperazzjoni teknika f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana hija permezz ta' din id-Deċiżjoni aċċettata f'isem il-Komunità b'effett immedjat bl-użu tal-metodu speċjali ta' implimentazzjoni li ġej:

il-Komunità Ekonomika Ewropea bi ħsiebha twettaq il-kooperazzjoni teknika li hemm imsemmija fir-rakkomandazzjoni fi ħdan il-qafas ta' l-azzjonijiet mill-Komunità, jew minn ċerti Stati Membri, billi żżomm f'moħħha li l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ekonomika Ewropea m'għandhomx skola tad-dwana.

It-test tar-rakkomandazzjoni msemmija huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni mill-Komunità b'effett immedjat tar-rakkomandazzjoni, u l-metodu speċjali li bih ser tiġi implementata d-Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1982.

F'isem il-Kunsill

Il-President

P. de KEERSMAEKER

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL GĦALL-KOOPERAZZJONI DOGANALI

TAT-18 TA' ĠUNJU 1981

DWAR KOOPERAZZJONI TEKNIKA FL-AFFARIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAD-DWANA

IL-KUNSILL GĦALL-KOOPERAZZJONI DOGANALI,

Wara li kkunsidra l-għanijiet ġenerali tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu III li jikkonċernaw il-miżuri għall-kisba ta' l-għola grad possibli ta' armonija w uniformità fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana,

Wara li fakkar id-diskussjonijiet fid-49/50 Sessjoni tal-Kunsill f'Najrobi (1977) fejn kien ġie konfermat li l-Kunsill għandu jkollu rwol aktar attiv sabiex iħeġġeġ il-kooperazzjoni teknika bejn il-pajjizi kollha żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw u għandu jespandi il-politika ġenerali tiegħu fil-kooperazzjoni teknika,

Innota li l-kobor kostanti tal-kummerċ dinji jimplika adattament kostanti tal-metodi tax-xogħol doganali,

Innota li waqt li ġew konklużi numru sostanzjali ta' konvenzjonijiet internazzjonali tad-dwana, meta kienu taħt l-awspiċi tiegħu, huma neċessarji passi ulterjuri minbarra l-promozzjoni ta' l-adeżjoni jew ir-ratifika ta' dawn l-istrumenti sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ dinji,

Wara li kkunsidra r-riżultati sodisfaċenti miksuba permezz tal-kooperazzjoni dejjem tikber fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana ma' organizzazjonijiet tal-gvern jew organizzazzjonijiet internazzjonali mhux tal-gvern oħra,

Konvint li huwa wkoll fl-interess tal-kummerċ internazzjoniali li tiġi promossa l-kooperazzjoni teknika,

Konvint li taħriġ xieraq ta' uffiċjali tad-dwana huwa wieħed mill-prerekwiżiti għall-funzjonament bla xkiel tal-kummerċ internazzjonali u t-turiżmu,

Xewqan li s-segretarjat tiegħu jkompli

1. jikkollabora ma' l-Istati Membri u Stati mhux membri li jkunu jixtiequ jorganizzaw, fuq bażi bilaterali u multilaterali, *seminars*, korsijiet ta' taħriġ u simposja f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali oħra amministrati mill-Kunsill,

2. jikkopera ma' l-organizzajonijiet reġjonali u internazzjonali fl-organizzazjoni ta' *seminars* reġjonali u interreġjonali fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana,

JIRRAKKOMANDA

Li l-Istati sew jekk Membri tal-Kunsill u sew jekk le, u l-unjonijiet tad-dwana jew ekonomiċi għandhom:

1. jipprovdu l-possibiltà li jirċievu nies li qed jitħarrġu, u jirċievu, jfornu, jew jibdlu esperti fid-dwana u letturi, bl-użu tal-kanali tal-Kunsill għall-dawn l-għanijiet sa fejn ikun possibli,

2. jikkunsidraw, fejn ikun xieraq u safejn jista' jkun possibli, li jaċċettaw uffiċjali tad-dwana ta' amministrazzjonijiet tad-dwana oħra fl-iskejjel nazzjonali tat-taħriġ għad-dwana tagħhom,

3. jorganizzaw *seminars*, korsijiet u simposja miftuħin jew maħsuba għall-parteċipanti minn pajjiżi oħra dwar liġijiet u regolamenti tad-dwana nazzjonali u internazzjonali, u fuq l-applikazzjoni tagħhom,

4. jikkunsidraw il-promozzjoni ulterjuri ta' l-attivitajiet immirati sabiex jiksbu kooperazzjoni teknika aktar wiesgħa fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana,

JITLOB

l-Istati, sew jekk Membri tal-Kunsill jew le, u l-unjonijiet tad-dwana jew ekonomiċi li jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni sabiex jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali bl-aċċettazzjonijiet tagħhom, bid-data li minnha huma sejrin japplikaw ir-rakkomandazzjoni, u l-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tagħha. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrasmetti din l-informazzjoni lill-amministrazzjonijiet goganali ta' dawn l-Istati u lill-dawn l-unjonijiet.